

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

### Suġġett

Appell kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' April 2011 (Każ R 1831/2010-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali PHOTOS.COM bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Getty Images (US), Inc. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 252, 27.8.2011.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Novembru 2012 — Atlas vs UASI — Couleurs de Tollens (ARTIS)

(Kawża T-558/11) (<sup>1</sup>)

**“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ARTIS — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti ARTIS — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”**

(2013/C 9/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Atlas sp. z o.o. (Łódź, il-Polonja) (rappreżentant: R. Rumpel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Couleurs de Tollens (Clichy, Franza) (rappreżentant: J. G. Monin, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-28 ta' Lulju 2011 (Każ R 1253/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Couleurs de Tollens-Agora u Atlas sp. z o.o.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Atlas sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż, inkluż fosthom l-ispejjeż indispensabbli esposti mill-Couleurs de Tollens għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

(<sup>1</sup>) ĠU C 13, 14.1.2012.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Novembru 2012 — Phonebook of the World vs UASI — Seat Pagine Gialle (PAGINE GIALLE)

(Kawża T-589/11) (<sup>1</sup>)

**“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja verbali PAGINE GIALLE — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru distintiv — Assenza ta’ karattru deskrittiv — Assenza ta’ sinjali jew indikazzjonijiet li jintużaw komunement — Artikolu 7(1)(b) sa (d), tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Kisba ta’ karattru distintiv bl-użu — Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009”**

(2013/C 9/64)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Phonebook of the World (Parigi, Franza) (rappreżentant: A. Bertrand, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Seat Pagine Gialle SpA (Milano, l-Italja) (rappreżentant: F. Jacobacci, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-4 ta' Awwissu 2011, (Każ R 1541/2010-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Phonebook of the World u Seat Pagine Gialle SpA.

### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Phonebook of the World hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 32, 4.2.2012.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Novembru 2012 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-286/11 P) (<sup>1</sup>)

**“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kumpens għad-dannu kkawżat mill-fatt li ittra dwar l-ispejjeż ta’ kawża ntbagħtet lill-avukat li rrappreżenta lir-rikorrent f’din il-kawża — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat”**

(2013/C 9/65)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Appellant: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)